# Il-Ħadd 27.03.2016

1. Illum 27/03, **l-Għid il-Kbir**:
   - F'ismi, f'isem is-saċerdoti li qed jgħinnu fil-parroċċa, u f'isem il-Kunsill Pastorali Parrokkjali nagħtikom l-**Għid it-Tajjeb**, u nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod kienu involuti fl-organizzazzjoni ta' dawn il-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid, li jirrikjedu ħafna xogħol mill-qalb u b'mod volontarju. Wasslu l-awgurju tagħna lill-familjari u l-qraba kollha.
   - Il-ħin tal-Quddies ikun:-
     - Fis-6:45am - Quddiesa
     - Fit-8:15am - Quddiesa bis-sehem tat-tfal li fiha jsir it-Tberik tal-Figolli.
     - Fid-9:00am - Wara jsir it-Tberik tal-Każin San Pawl, u tal-Każin PN.
     - Fl-10:00am - Quddies<br>Wara jsir it-Tberik tal-Każin PL, Kunsill Lokali,<br>u l-Kunvent tas-Sorijiet.
     - Fis-6:00pm - Quddiesa bit-Talba tal-Għasar.

2. Il-Ħamis 31/03:
   - Mid-9:00am sal-11:00am - Il-Kummissjoni Djoċesana Tfal ser torganizza l-Ġublew tal-Ħniena għat-tfal kollha ta' Malta fil-Katidral tal-Imdina. Din l-attività ser tkun ukoll l-ewwel laqgħa li l-Arċisqof Charles J. Scicluna ser ikollu mat-tfal Maltin. Il-ġenituri mħeġġin jieħdu t-tfal.

3. Il-Ġimgħa 01/04, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:-
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm – Konfessur għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.
   - Fis-7:30pm – *Celebrating Mercy*: Kunċert fl-okkażjoni tas-Sena tal-Ħniena organizzat mis-Seminarju tal-Arċisqof fis-Santwarju tal-Ħniena Divina bis-sehem tas-St Paul Choral Society taħt id-direzzjoni ta' Dr Hugo Agius Muscat.

4. Il-Ħadd 03/04, **it-Tieni Ħadd tal-Għid - Ħadd il-Ħniena Divina**:
   - Fil-5:00pm - Adorazzjoni; u
   - Fis-6:00pm - Quddiesa.

5. Mit-Tnejn 04/04 jibda it-Tberik fil-Familji. Segwu il-programm fuq il-fuljett 'Flimkien':
   - It-Tberik jibda għall-4:15pm.

6. Avviżi oħra:
   - Matul dan is-sajf ser isir Summer Camp għat-tfal ġejjin minn familji b'diversi bżonnijiet organizzat mis-Sorijiet ta' Madre Tereża u xi voluntiera. Għaldaqstant qed issir sejħa biex żgħażagħ minn 18-il sena 'l fuq li jitħajru jgħinnu jikkuntattjaw lis-Sorijiet ta' Madre Tereża (21666021).

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 100 bħala donazzjonijiet għall-fjuri tas-Sepulkru. Grazzi.
   - € 217 mill-Karus ta' Mħabba li ġie ppreżentat mit-Tfal tad-Duttrina. Grazzi.